MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 756/2004/1

**Atlas Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta` estera AXA Insurance plc kif surrogati fid-drittijiet ta’ l-assigurata taghha Michele Peresso Ltd abbazi tal-polza ta’ assigurazzjoni u tal-ligi**

**vs**

**Cassar & Cooper (S&I) Limited u fuq ordni tat-Tribunal b’ digriet ta’ l-14 ta’ Ottubru 2004, giet ordnata l-kjamata in kawza ta’ Parnis England Trucking Company Limited bhala agenti ta’ Consolidated Shipping Limited**

**Il-Qorti,**

Fl-20 ta’ April, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-5 ta' April 2004 li permezz tieghu s-socjeta` attrici talbet ghall-hlas ta' tlett mija u tlettax Liri Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm313.54) ghar-ragunijiet ndikati fl-istess Avviz;

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta tat-30 ta' April 2004;

Ra illi b'digriet tal-14 ta' Ottubru 2004, it-Tribunal ordna l-kjamat in kawza tas-socjeta` Parnis England Trucking Ltd bhala agenti ta' Consolidated Shipping Line Limited, u dan fuq talba tas-socjeta` konvenuta;

Ra r-risposta tas-socjeta` kjamata in kawza ta' l-14 ta' Novembru 2004;

Sema` x-xhieda kollha prodotti u ha konjuzzjoni tad-dokumenti kollha esebiti;

Ra illi l-abbli difensuri tal-partijiet trattaw il-kawza fis-16 ta' Gunju 2005 u ghal darb'ohra fil-11 ta' Jannar 2006 meta l-kawza thalliet ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi s-socjeta` attrici qed titlob ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u tlettax il-Liri Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm313.54) rapprezentanti nuqqasijiet fil-merkanzija appartenenti lis-socjeta` assikurata taghha (Michele Peresso Ltd) u spejjes tas-survey relattiv, merkanzija li wasslet fuq il-bastiment MV Peyo Yavarov fit- 2 ta' Gunju 2003, liema danni s-socjeta' attrici gia hallset lis-socjeta' assikuratrici taghha.

Illi l-ammont riklamat jirraprezenta mitejn u hamsa u sebghin Liri Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm275.54) in kwantu d-danni/nuqqasijiet fil-merkanzija u tmienja u tletin Liri Maltin (Lm38.00) spejjes tas-survey, kollox kif jirrizulta minn DOK BVI a fol 22 – liema quantum jidher in ogni caso illi mhux qed jigi kkontestat mis-socjeta` konvenuta u lanqas mis-socjeta` kjamata in kawza.

Illi jibqa` ghalhekk ghal dan it-Tribunal li jistabillixxi, jekk inhu ppruvat fl-atti ta' din il-kawza, ta' min hi r-responsabbilita` ghan-nuqqasijiet illi mmaterjalizzaw fil-merkanzija de quo.

Illi jirrizulta illi s-socjeta` Michele Peresso Limited mportat konsenja illi wasletilha fit-2 ta' Gunju 2003, mill-liema konsenja jidher u jirrizulta illi kien hemm 58 item nieqes.

Il-container li bih waslet il-merkanzija kien u gie minn Dubai izda mar Spanja qabel gie Malta.

Jirrizulta wkoll illi meta l-container wasal Malta, is-socjeta` konvenuta hattet il-container u zammet il-merkanzija fil-bonded stores taghha f' Hal Far.

Kif xehed Jean Paul Sammut in rappresentanza tas-socjeta` Michele Peresso Ltd – din qabbdet lis-socjeta` Cassar & Cooper (S&I) Ltd sabiex iggor il-merkanzija, u mbaghad lil White Bros. bhala burdnara sabiex ix-xoghol jingarr mill-bonded stores ghal ghand Michele Peresso Ltd;

Kien meta l-burdnar mar jigbor l-merkanzija mill-bonded stores tas-socjeta` konvenuta illi nduna illi kien hemm kaxex miftuhin u gharraf lill-Michele Peresso Ltd b'dan;

Mix-xhieda ta' Stephen Sansone (Shipping Line – Cassar & Cooper S&I) Ltd (fol 88) jirrizulta illi DOK BV10 (a fol 61) ffirmat minnhu wkoll, huwa dokument illi jimtela` meta l-merkanzija tigi rilaxxjata – u f'dak id-dokument hemm ndikat illi kien hemm 57 bicca nieqsa. In fatti dan DOK BV10 huwa d-delivery order.

Illi dan ifisser illi fil-mument illi l-oggetti gew ikkonsenjati lis-socjeta` konvenuta, gia kien jirrizulta nuqqasijiet fil-merkanzija;

Illi meta xehed Sandro Camilleri (Parnis England Trucking Limited) a fol 91 et seq – dan qal illi l-merkanzija de quo giet ixxippjata minn kumpanija li Parnis England ma

tirrapprezentax. Jispjega illi l-involviment tas-socjeta` kjamata in kawza f'din il-kwistjoni kien biss bhala "forwarding agents tal-forward way minn Antwerp", "agenti tal-forwarding agents ta' Antwerp". Sandro Camilleri jispjega wkoll illi peress illi kien hemm agent iehor involut "sar transfer in bond" u dan taht is-supervizjoni doganali. Jghid ukoll illi "meta sar it-transfer il-bond operator taghna u l-bond operator ta' Cassar & Cooper iccekkjaw ix-xoghol u gie stipulat x'kien hemm nieqes.

Dan ifisser illi fil-mument illi l-merkanzija ghaddiet ghand Cassar & Cooper, gia kien hemm xi oggetti nieqsa – fatt stabbilit ghat-tieni darba.

Fid-dawl ta' dan allura t-Tribunal sejjer ikollu jiddikjara illi s-socjeta` konvenuta Cassar & Cooper (S&I) Limited ma hix responsabbli stante illi n-nuqqasijiet fil-merkanzija sehh meta l-istess merkanzija ma kienitx taht ir-responsabilita` taghha.

Illi jifdal ghalhekk illi t-Tribunal jara jekk is-socjeta` kjamata in kawza hix responsabbli ghan-nuqqas li jirrizulta.

It-Tribunal jinnota illi kif jirrizulta minn DOK VM2 – is-socjeta` kjamata kitbet ghan-nom tal-carrier;

Illi kif jirrizulta minn Dok VM3 waqt it-Transfer in bond gia kien hemm oggetti nieqsa mill-merkanzija illi kienet qed tghaddi f'idejn is-socjeta` konvenuta;

Illi wkoll fuq il-Bill of Lading (DOK VM4), jirrizulta illi Parnis Trucking kienet is-socjeta` li ghandha wiehed kellu jirrikorri "For delivery of goods".

Kif xehed Vincent Micallef "kien hemm il-kartun miftuh meta l-merkanzija kienet ghadha fil-bonded stores tas-socjeta` kjamata in kawza".

Tenut kont dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, it-Tribunal ihoss illi r-responsabbilita` hija ghalhekk tas-socjeta` kjamata in kawza.

Ghalqastant it-Tribunal, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, jichad dawk tas-socjeta` kjamata in kawza u jilqa` t-talba attrici fil-konfront propju tas-socjeta` kjamata in kawza, b'dan illi jikkundannha thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u tlettax Liri Maltin u erba' u hamsin centezmu (Lm313.54), bl-imghax kif mitluba mid-19 ta' Ottubru 2003.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` kjamata in kawza ghajr ghal dawk relatati mas-socjeta` konvenuta illi ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` attrici."

Is-socjeta` kjamata fil-kawza appellat minn din is-sentenza bl-obbjezzjonijiet li gejjin:-

i. Hi ma kienetx tirrapprezenta lis-socjeta` estera Consolidated Shipping Ltd *qua* vettural tal-merce importata;
ii. L-estinzjoni ta' l-azzjoni bil-preskrizzjoni ta' sena ai termini ta' l-Artikolu 3 (6) tal-Hague Rules, trasportati fil-ligi taghna bl-Att dwar il-Garr ta' Merkanzija bil-Bahar (Kapitolu 140);
iii. Hi ma kellhiex tinstab fi htija ghan-nuqqasijiet riskontrati fil-merkanzija;

Minn naha taghha s-socjeta` assiguratrici attrici appellat incidentalment u talbet ir-riforma tas-sentenza. Hi tikkontendi illi t-Tribunal naqas milli jikkunsidra illi r-relazzjoni guridika taghha, *qua* surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat, kienet mas-socjeta` konvenuta u mhux ma' terzi. Issostni li kull arrangament li sar mis-socjeta` konvenuta ma' terzi, ghaliha kien *res inter alios acta*;

Fil-konfront taz-zewg appelli, kemm principali kif ukoll incidentali, is-socjeta` konvenuta tissolleva, bi pregudizzjali, l-inappellabilita` in kwantu l-valur tat-talba

hu nferjuri ghal hames mitt lira u, ukoll, ghaliex l-aggravji sottomessi fiz-zewg appelli ma jinkwadrawx ruhhom f' xi wiehed mill-ipotesijiet li jsemmi l-Artikolu 8 (2) tal-Kapitolu 380. In vista ta' din il-pregudizzjali din il-Qorti jokkorrilha tinvesti jekk huwiex konsentit appell mid-decizjoni tat-Tribunal bix-xorta ta' aggravji fuq elenkati;

Eskluz l-applikabilita` tas-subinciz (3) ta' l-Artikolu 8 ta' l-Att V ta' l-1995 ghar-raguni li l-valur involut hu nferjuri ghas-somma f' dak is-subinciz specifikata, jinsab dispost bis-subinciz (2) ta' l-istess artikolu illi appell lil din il-Qorti jista' jsir <u>biss</u> f' dawn il-kazijiet:-

a) fuq kull haga li jkollha x' taqsam mal-gurisdizzjoni tat-Tribunal;
b) fuq kull kwistjoni ta' preskrizzjoni;
c) fuq kull nuqqas ta' tharis tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu 2 ta' l-Artikolu 7 li jirregola l-procedura quddiem it-Tribunal;
d) meta t-Tribunal ikun, b' mod gravi, mar kontra d-dettami ta' l-imparzjalita` u ta' l-ekwita` skond il-ligi, u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta' min jappella;

Mill-esposizzjoni taghhom huwa aktar minn car illi l-appellant ma ghandux rimedju ta' appell taht l-Att imsemmi fejn, ad ezempju, ikun jitratta minn kontestazzjoni ta' l-apprezzament tal-fatti maghmul mit-Tribunal bhala bazi ghal konvinciment tieghu, kif sorrett minn motivazzjoni ragjonevoli. Biex din il-Qorti jkollha gurisdizzjoni jrid jintwera li l-appell ikun bazat fuq xi wiehed mill-ipotesijiet fuq elenkati. Fil-hsieb tal-Qorti, ad eccezzjoni forsi ta' l-aggravju dwar il-preskrizzjoni eccepita, oggettivament ma jistax jinghad illi z-zewg appellanti ssollevaw ritwalment aggravji li jirrientraw fil-qafas tal-kazijiet fuq elenkati, anke jekk uhud fosthom jinvolvu certament aspetti ta' dritt. Biex timmotiva din id-deduzzjoni taghha din il-Qorti thoss li jkun xieraq li toffri l-kummenti taghha dwar kull singolu aggravju.

IN-NUQQAS TA' RAPPREZENTANZA

B' din l-eccezzjoni u aggravju taghha s-socjeta` appellanti, kjamata fil-kawza, qed tissottometti illi hi ma ghandhiex il-poter rapprezentattiv ta' l-affari tal-"*carrier*" u kwindi lanqas ma ghandha f' din il-veste rapport processwali mal-partijiet fil-kawza. Fuq dan il-punt jidher li t-Tribunal ma ghamelx hlief apprezzament tal-provi *hinc inde* prodotti, senjatament id-dokument esebit a fol. 107 li minnu jirrizulta illi din is-socjeta` bi twegiba ghal *claim* tas-socjeta` konvenuta, iddeklinat kull responsabilita` "*on behalf of the carrier in accordance with conditions stipulated in the bill of lading for the alleged damages and/or shortages*." Polza din tal-kariku fejn fuqha tikkonfigura wkoll l-istess socjeta` kif evincibbli mir-riferiment dwar min ghandu jigi kkuntattjat ghall-konsenja tal-merkanzija. Anke din allura tikkostitwixxi fonti ta' rapprezentanza;

Issa huwa veru li s-socjeta` appellanti tissottometti illi dik l-ittra responsiva taghha a fol. 107 giet hekk redatta bi zvista ghaliex hi fil-fatt ma kienetx rapprezentanti tal-*carrier* imma tal-*freight forwarder*. Huwa veru wkoll li hi ssostni illi kemm din l-ittra kif ukoll il-polza ma humiex bizzejjed biex joholqu relazzjoni ta' agenzija bejnha u Consolidated Shipping Ltd. Dan jista' jkun hekk il-kaz, anke jekk fil-prattika jezistu diversi kwalitajiet ta' agenziji marittimi li n-natura guridika taghhom tvarja skond il-funzjonijiet li jizvolgu, u anke minn kaz ghal kaz. Jibqa' l-fatt illi, fil-fattispeci, il-kaz hu differenti u s-socjeta` appellanti ma rnexxilhiex tikkonvinci lit-Tribunal b' dawn is-sottomissjonijiet taghha u dan irrikorra, ghall-iskop tal-konvinciment tieghu, ghall-provi attendibbli u hekk, fil-fehma tieghu, indikattivi illi s-socjeta` appellanti kienet l-agent f' Malta tal-vettural. Dan l-ezercizzju mit-Tribunal kien wiehed prettament ta' valutazzjoni probatorju u xejn aktar. Jigi allura, in bazi ghal dak li ntqal hawn fuq, illi dak l-apprezzament mhux sindakabbli minn din il-Qorti u anzi jesorbita mil-isfera ta' gurisdizzjoni taghha, hekk limitata ghall-kazijiet prospettati fis-subinciz (2) ta' l-Artikolu 8.

IR-RESPONSABILITA`

Hu dan l-istess ezercizzju investigativ tal-provi li t-Tribunal ghamel fir-ricerka tieghu tar-responsabilita` ghan-nuqqasijiet stabbiliti fil-merkanzija. Dan hu wkoll apprezzament fattwali li dwaru l-ligi ma takkorda ebda rimedju ta' appell minnu lil din il-Qorti. Anke allura dan l-aggravju bhal dak l-iehor ta' qablu ma jistax, ghal din ir-raguni, jigi ntrattenut.

IL-PRESKRIZZJONI

Taht dan il-kap ta' aggravju s-socjeta` appellanti irrizervat li tipprezenta eccezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni ta' sena ai termini ta' l-Artikolu 3 (6) tal-Hague Rules, kif hekk fil-fatt ghamlet fil-kors tad-dibattitu ta' dan l-appell;

Ma jidherx li hu disputat illi t-terminu stabbilit fil-precitat artikolu tal-Hague Rules hu wiehed ta' dekadenza, u mhux ta' preskrizzjoni. Ara "**Avukat Dottor Philip Bianchi *nomine* -vs- Albert Mizzi *et nomine***", Qorti tal-Kummerc, 6 ta' Marzu 1978 per il-kompjant Imhallef George Schembri;

Ipprecizat dan, tqum id-domanda jekk eccezzjoni ta' dekadenza tistax tigi sollevata ghall-ewwel darba fl-istadju ta' l-appell. Is-socjeta` appellanti tippretendi li dan hu permissibbli in vista ta' dak li jinghad fl-Artikolu 732 tal-Kapitolu 12, jigifieri li "l-eccezzjonijiet perentorji jistghu jinghataw ukoll fil-qorti tal-grad ta' appell ghalkemm ma jkunux gew moghtija fil-qorti ta' l-ewwel grad";

Fil-hsieb konsiderat ta' din il-Qorti n-natura ta' l-eccezzjoni sollevata hi tali li timpingi fuq il-gudizzju u ggibu fix-xejn. Hi allura perentorja tal-gudizzju u mhux wahda perentorja merament tal-mertu ghal liema japplika l-Artikolu 732 precitat. In kwantu tali, ghall-finijiet ta' l-istadju li fih l-

eccezzjoni *de quo* messha tqajment, ghandu jinghad qabel xejn illi din hi parifikata ghall-eccezzjoni dilatorja (ara **Kollez. Vol. XXXIII P I p 630**) u konsegwentement kellha tigi sollevata *in limine litis* skond l-Artikolu 728 tal-Kapitolu 12. Dan hu hekk, aktar u aktar, gjaldarba, bl-invers ta' dak li nsibu fir-rigward tal-preskrizzjoni (ara Artikolu 2112, Kodici Civili), ma tezisti ebda disposizzjoni espressa tal-ligi li tipprovdi xort' ohra;

Jikkonsegwi illi la l-eccezzjoni taht ezami ma tqajmetx fl-istadju bikri tal-kawza din ghandha titqies tacitament rinunzjata. Tali rinunzja effettivament timporta kondotta processwali omissiva li fiha hi necessarjament insita l-volonta` univoka li ma tigix sollevata l-eccezzjoni relativa;

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet fuq dan il-punt il-Qorti jidhrilha illi la ma sar ebda accenn ghat-terminu tad-dekadenza fin-nota ta' l-eccezzjonijiet quddiem it-Tribunal tali nuqqas da parti tas-socjeta` appellanti jimporta d-dekadenza taghha mid-dritt li tqajjem dik l-eccezzjoni tal-perentorjeta`, liema dritt, f' dawk ic-cirkustanzi, ghandu jitqies li kien gie rinunzjat. Dan logikament iwassal biex din il-Qorti ma tinvestix u ma tokkupax ruhha mill-eccezzjoni ulterjuri moghtija f' din is-sede.

<u>L-APPELL INCIDENTALI</u>

L-argoment baziku tas-socjeta` attrici bl-appell incidentali taghha hu rakkjuz f' dan. L-inkarigu ghat-trasport tal-merce inghata mill-assigurat taghha lis-socjeta` konvenuta u allura hi din is-socjeta` li kellha tirrispondi ghad-danni in kwantu hi kienet ghal kollox aljena mill-arrangamenti li s-socjeta` konvenuta ghamlet mal-kjamata in kawza;

Ibda biex l-iskop tas-sejha fil-kawza, kif inhu bil-wisq pacifiku ma huwiex semplicement mizura ta' tnaqqis ta' molteplicita` tal-kawzi imma wkoll biex jigi zgurat li kull min hu interessat jigi konness mal-mertu, u in kwantu seta' jigi

milqut bl-ezitu tal-kawza, jigi akkordat lilu l-opportunita` li jiddefendi ruhu;

Meta allura, kif inhu dan il-kaz, il-konvenut jikkjama in kawza lit-terz bid-deduzzjoni li dan hu s-soggett li ghandu jwiegeb ghall-pretensjoni ta’ l-attur, it-talba attrici testendi awtomatikament ruhha fil-konfront tat-terz in kwantu jokkorri jigi individwat il-veru responsabbli fl-ambitu tar-rapport, oggettivament uniku. It-terz imsejjah, flimkien mal-konvenut, jassumi l-vesti ta’ litiskonsorzju necessarju fil-konfront ta’ l-attur, bil-konsegwenza li anke jekk l-attur ma jestendix it-talba tieghu kontra l-imsejjah, il-gudikant xorta wahda jista’ ugwalment jippronunzja kundanna a karigu tat-terz kjamat fil-kawza hekk misjub fi htija. Dan hu dak li sehh f’ dan il-kaz u, allura, taht dan il-profil, l-aggravju incidentali tas-socjeta` attrici ma jregix u ma jistax jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tidderimi l-appell principali u dak incidentali billi tichadhom it-tnejn u b’ hekk tikkonferma s-sentenza appellata. Kull wahda mis-socjetajiet appellanti tbati l-ispejjez proprji ta’ l-appell introdott minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------